31971D0306

16.8.1971 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ L 185/15

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tas-26 ta' Lulju 1971
## li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti ta' Xogħlijiet Pubbliċi

(71/306/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra l-proposti mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropej ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ([2]),

Billi l-implimentazzjoni tal-miżuri adottati mill-Kunsill fil-qasam tal-kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi tista' tqajjem problemi li jidhru li huma xierqa li jkunu eżaminati fuq bażi komuni;

Billi huwa tal-parir li jkun stabbilit għal dan il-għan Kumitat presedut mill-Kummissjoni u magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri li jappartjenu għall-awtoritajiet ta' dawk l-Istati,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Kumitat Konsultattiv għall-Kuntratti tax-Xogħlijiet Pubbliċi huwa hawnhekk stabbilit fi ħdan il-Kummissjoni.

*Artikolu 2*

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijet ta' l-Artikolu 169 u 170 tat-Trattat, il-Kumitat għandu jeżamina regolarment, fuq l-inizzjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba minn Stat Membru, problemi li jitqajmu mill-implimentazzjoni tal-miżuri adottati mill-Kunsill fir-rigward ta' kuntratti tax-xogħlijiet pubbliċi, li jinkludu każi speċjali li joriġinaw f'dan il-qasam. Il-Kumitat għandu jeżamina partikolarment ir-raġunijiet li dwarhom l-impriża li tkun konformi mal-kriterji stabbiliti mill-Kunsill jistgħu ma kienux ġew ikkonsultati jew jistgħu ma jkunux rebħu l-kuntratt minkejja li jkunu tefgħu l-aħjar offerta.

*Artikolu 3*

Il-Kumitat għandu jkun kompost mir-rappreżentanti tal-Istati Membri li jappartienu għall-awtoritajiet ta' dawk l-Istati.

L-Istati Membri għandhom jaħtru bħala membri tal-Kumitat membru wieħed u sostitut wieħed għal kull pajjiż.

Il-Kumitat għandu jkun ippresedut minn uffiċjal tal-Kummissjoni. Il-President jista' jkun assistit mill-uffiċjali tal-Kummissjoni. Is-servizzi segretarjali għandhom ikunu pprovduti mill-Kummissjoni.

*Artikolu 4*

Il-Kumitat għandu jkun imlaqqa' mill-President tiegħu jew fuq l-inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' wieħed mill-membri tiegħu.

*Artikolu 5*

Id-diskussjonijiet tal-Kumitat għandhom ikunu rreġistrati fil-minuti.

*Artikolu 6*

Il-Kumitat għandu jfassal ir-regoli ta' proċedura tiegħu.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta' Lulju 1971.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A. MORO

([1]) ĠU 62, tat-12.4.1965, p. 883/65 u 889/65.
([2]) ĠU 13, tad-29.1.1965, p. 150/65 u
ĠU 63, tat-13.4.1965, p. 929/65.